**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Lulju 2019,**

**Rikors Numru : 202/2018 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**JS**

**Vs**

**U b'digriet tas-27 ta' Gunju 2018, gew mahtura Dr.M.A.Mifsud Cutajar u l-P.L. Veronica Rossignaud bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapresentaw lil assenti XW (Passaport Ciniz Nru Y) u sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri ZW u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' JS datat 26 ta' Lulju 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti JS kellu relazzjoni ma' l-intimata XW;*

2. *Illi min din ir-relazzjoni, nhar is-27 ta' Ottubru 2017, twieled il-minuri ZW u billi twieled barra miz-zwieg, il-minuri gie registrat bhala li ghandu missier*

*"mhux maghruf" u dan kif jirrizulta fl-att tat-twelid bin-numru O* ***(Dok A)****;*

3. *Illi effettivament missier il-minuri huwa l-attur JS u dan peress illi fiz- zmien meta l-istess Z kien ikkoncepit, l-attur u l-konvenuta XW kellhom relazzjoni intima bejniethom;*

4. *Illi l-intimata kienet tinsisti mar-rikorrent, illi l-minuri jigi registrat bhala missier 'mhux maghruf' u dan sabiex hi tkun tista' tottjeni passaport Ciniz ghall-istess wild facilment, kif ukoll sabiex tkun tista' titlaq minn Malta liberament; kif filfatt ghamlet minghajr il-permess jew il-kunsens tar-rikorrent missier;*

5. *Illi l-intimata harbet mill-Gzejjer Maltin bil-minuri kif appena r-rikorrent wera x-xewqa li jirrikonoxxi lill-ibnu; u llum r-rikorrent m'ghandu l-ebda hjiel fejn qed jirrisjedu l-intimata u l-minuri, salv ghall-fatt li jaf li dawn jinsabu x'imkien gewwa c-Cina;*

6. *Illi sabiex ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-paternita` tal-minuri, l-esponenti ssottometta ruhu ghat-testijiet genetici appositi sabiex tigi stabbilita' b'mod xjentifiku l-paternita' tal-istess minuri, b'dan illi mit-testijiet irrizulta illi effettivament ir-rikorrent huwa il-missier bijologiku tal-minuri (kopja tad-DNA Test* ***Dok B)****;*

7. *Illi l-attur ghandu interess li jigi korrett ic-certifikat tat-twelid ta' ibnu l-minuri ai termini tal-artikolu 86 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sabiex ikun jirrifletti r-realta` u sabiex ikun jista' legalment jezercita d-drittijiet tieghu bhala missier ;*

8. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur JS huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri ZW; u konsegwentement;*

2. *Tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri ZW billi fil-kolonna fejn hemm indikat id-dettalji tal-missier, jigu kkancellati l-kliem 'missier mhux maghruf' u jigu sostitwiti b'isem u kunjom l-attur u cioe` 'JS' u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b' dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;*

3. *Tordna li l-kunjom tal-minuri mil-lum 'il quddiem, ikun l-istess kunjom tal-missier naturali u cioe' "S";*

4. *Tordna, jekk ikun il-kaz, l-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-attitar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datat 15 ta' Ottubru 2018, a fol 19 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament huwa essenzjali għall-integrita' tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob ai termini tal-Artikolu 175 ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-korrezzjoni fi premessa numru 2, u dan sabiex l-annu tat-twelid tal-minuri u n-numru progressiv tal-Att tat-twelid tal-imsemmi minuri jiġu sostitwiti għal '2016' u '6328/2016', rispettivament;*

2. *Illi bla ħsara għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi l-esponent jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji u fil-fatt għal dan il-għan jidher illi r-rikorrent diġa' ssottometta ruħu għat-testijiet ġenetiċi hekk kif jipprovdi Artikolu 100A tal-Kodiċi Ċivili; liema rapport jinsab hekk anness mar-*

*rikors promotur. Mir-rapport jidher illi r-rikorrent huwa fil-fatt il-missier naturali tal-minuri ZW, iżda tali rapport jonqos li jiġi maħluf mit-tekniku;*

4. *Illi bla ħsara għas-suespost u f'każ li jintlaqgħu minn din l-Onorabbli Qorti t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jistieden lir-rikorrent sabiex permezz ta' nota jipprezenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-karta tal-Identita', (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieled ZW, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled ZW, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled ZW. Illi flimkien ma' din in-nota, ir-rikorrent għandu ukoll jippreżenta kopja awtentika tad-dokumenti uffiċċjali tiegħu li jikkorroboraw l-informazzjoni ppreżentata permezz tan-nota imsemmija. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri ZW;*

5. *Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom ukoll jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri ZW u dan a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi d-Direttur konvenut m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr.Mark A. Mifsud Cutajar ID 136778M u PL. Veronica Rossignaud, datata15 ta' Novembru 2018, a fol 27 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.*

Rat in-nota guramentata ta' JS, datat 17 ta' Jannar 2019, a fol 46 li permezz taghha jindika

s-segwenti dettalji:

*Isem u kunjom missier il-minuri li huwa cittadin Malti – JS*

*Numru tad-dokument ta' l-identita' Maltija – V*

*Eta – U*

*Fejn twieled – P*

*Fejn joqghod – H*

*Isem u kunjom il-missier ta' JS – ES*

*Isem u kunjom l-omm ta' JS – MS*

Rat illi Dr. Mark Mifsud Cutajar li nforma lill-Qorti li ghamel tentattivi ghall-komunikazzjoni ma' l-intimata fl-indirizzi ndikati lilu izda l-intimata baqghet ma ghamlet l-ebda kuntatt mieghu. (Vide fol 54);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**JS** xehed permezz t'affidavit a fol 30 *et seqq* illi huwa ilu joqoghod Malta b'mod permanenti mis-sena 1977, u xi hamsa u ghoxrin sena ilu kien xtara hanut tal-hwejjeg fil-H. Spjega illi fl-2014 kien iddecieda li jbiddel dan il-hanut tal-hwejjeg f'restaurant u hanut tal-ikel bl-isem Oriental Food Market, u kien ftit wara li kien fetah dan in-negozju, li kien iltaqa' mal-intimata X. Kompla illi dak iz-zmien hija kienet Malta fuq *student visa* u ma kelliex introjtu stabbli u ghalhekk kien offrilha li jaghmilha parti min-negozju tieghu, basta tiehu hsieb il-hanut u tassistih sabiex jiddentifika klijenta godda f'Malta mir-restaurants Cinizi. Qal illi xi sena wara l-partijiet bdew relazzjoni, li damet ghaddeja numru ta' snin.

Spjega illi xi snin wara W kienet esprimiet ix-xewqa li jkollhom tarbija izda hu kellu r-riservi tieghu dwar dan minhabba l-attitudni taghha li kull meta jkollhom argument taqbad u titlaq u titfi

l-mobile u ghalhekk ma jkollux ideja fejn tkun qieghda sakemm iccempillu biex imur ghaliha. Qal illi nonostante dan, W kienet inqabdet tqila meta kien marru btala fic-Cina fl-2015. Qal illi hu u W kellhom numru ta' argumenti waqt it-tqala, izda huwa kien dejjem imur maghha ghall-appuntamenti medici fi sptar privat u kien ihallas dejjem hu. Kompla li binhom, ZW, twieldet f'T, u gie rregistrat temporanjament bhala t-tarbija ta' missier mhux maghruf peress illi huwa ma kienx ghadu legalment isseparat minn ma' martu, ghalkemm kienu ilhom sseparati *de facto* ghal xi sitt snin.

Xehed illi huwa kien involut fit-trobbija ta' binhom u kien jahdem kemm jiflhah biex jassigura illi W u ibnu jkunu komdi kemm jista' jkun possibli. Spjega illi f'Jannar 2017 innota li Wbdiet tinbidel u xi drabi kien tirrifjuta li tkellmu ghal sieghat shah. Kompla illi l-partijiet kien qed ikollhom argumenti ta' sikwit, u darba minnhom kienet goffa ma' binhom u ghalhekk kien qalilha li dan ma kienx il-mod kif omm ghandha ggib ruhhu ma' binha u fakkarha li f'Malta l-awtoritajiet huma stretti hafna fejn jidhlu t-tfal. Qal illi W kienet agitata hafna, u fit-13 ta' Mejju 2018 kienet bghatitlu messagg fejn qaltlu "*I hope from next week you will feel better.*" Spjega li l-ghada kien bghatilha messagg u kien induna li kien gie blocked u ghalhekk kien mar l-appartament taghha fejn ra li hi, it-tifel u l-affarijiet personali taghha kienu nieqsin. Kompla li kien staqsa li xi hbieb taghha jekk kienux jafu xi haga, u kien anke cempel lil awtoritajiet tal-Immigrazzjoni biex jara jekk kienetx telqet f'titjira diretta lejn it-Turkija, izda ma kienux sabu l-ebda *record.* Qal illi minn dak inhar prova kemm – il darba jaghmel kuntatt ma' W, izda qatt ma rrnexielu. Kompla illi cioe nonostante, huwa determinat illi jirregistra lit-tifel bhala ibnu, u li jkompli jrabbih bhala missier.

**JC** xehdet illi hija taf lir-rikorrenti ghal madwar tletin sena, peress illi huwa kien fetah hanut tal-hwejjeg taht id-dar taghha fil-H, liema hanut illum il-gurnata huwa hanut tal-prodotti tal-ikel. Spjegat illi hija saret taf li XW meta bdiet tahdem mar-rikorent, u kienet tarahom ta' spiss. Qalet illi meta W kienet tqila kienet tara lir-rikorrenti jiehu hsiebha aktar milli kien jaghmel qabel, u li meta twieldet it-tarbija f'T kienet tara lir-rikorrent u lil W iduru bit-tarbija u jaraw li binhom ma jonqsu xejn. Xehdet illi lir-rikorrent kienet dejjem tarah ferhan ser jtir meta kien ikun ma' ibnu, u kien jidher li jhobbu. Xehdet ukoll illi r-rikorrenti gieli kien jitlobha pariri dwar it-tifel peress illi hija omm u nanna, u taf li kien kitbu fi playschool. Qalet illi ghaliha kien xokk kbir meta f'Mejju 2018 kien informaha illi W kienet telqet bit-tifel lura lejn ic-Cina minghajr ma qaltlu xejn. Xehdet li r-rikorent kien ammetta maghha li hu missier it-tarbija u li ried jiehu sehem fit-trobbija ta' ibnu u jgawdih fit-tfulitu.

**Ikkonsidrat;**

Din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kodici Civili, li jirregola l-azzjoni ta' filjazzjoni intavolata minn missier li jkun irid jirikonixxi tarbija li taghha hu jghid li hu l-missier. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "***It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:***
>
> ***Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it-tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:***
>
> ***Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:***
>
> ***Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi.***"

Il-Qorti rat illi mit-testijiet genetici li saru fuq kampjuni genetici tar-rikorrent u tal-minuri ZW, jirrizulta illi r-rikorrent huwa l-missier bijologiku tal-minuri. Rigward it-tielet eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jonqos illi r-rapport jigi mahluf mit-tekniku, il-Qorti tirrileva

illi jirrizulta illi filfatt ir-rapport gie mahluf minn Dr. Marisa Cassar fid-19 ta' Dicembru 2018, u ghalhekk il-meritu ta' din l-eccezzjoni jinsab ezawrit.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, l-Qorti taghraf illi ma setghax kien hemm qbil bejn il-partijiet peress illi XW hija assenti mill-pajjiz u r-rikorrent ma setghatx jaghmel kuntatt maghha. Il-Qorti hija tal-fehma illi peress illi l-minuri ghadu ta' eta tenera, ma jsofri l-ebda pregudizzju jekk ikun hemm tibdil fil-kunjom tieghu. Il-Qorti ghalhekk tordna illi kunjom ir-rikorrent ghandu jizdied mal-kunjom tal-intimata W, sabiex kunjom il-minuri Z jkun SW.

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti taghraf illi l-korrezzjoni ndikata diga giet awtorizzata u saret, u ghalhekk il-meritu taghha huwa llum ezawrit.

Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, il-Qorti hija tal-fehma illi ladarba kien ir-rikorrenti li ghazel li ma jkunx irregistrat bhala missier il-minuri mill-ewwel ghaliex fiz-zmien meta twieldet it-tarbija huwa kien ghadu legalment mizzewweg ma' terza persuna, ghandu jkun hu li jbati l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tiddisponi mil-eccezzjonijiet skont kif hawn fuq spjegat,**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi r-rikorrent JS huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri ZW;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri ZW billi fil-kolonna fejn hemm indikat id-dettalji tal-missier, jigu kancellati l-kliem 'missier mhux maghruf' u minflok jigu nseriti isem u kunjom ir-rikorrenti u l-konnotat kollha tieghu kif ahjar jirrizulta fin-nota prezentata minnu fis-17 ta' Jannar 2019 (Fol 46);**

3. **Tilqa' parzjalment it-tielet talba u tordna illi l-kunjom tal-minuri mill-llum `il quddiem ikun 'SW';**

4. **Tilqa' r-raba' talba u tordna illi c-certifikat tat-twelid u kwalunkwe att iehor relattiv jigu korretti sabiex jirriflettu l-bdil fil-kunjom tal-minuri Z.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**